# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Anthony Spiteri

Illum 27 ta' Mejju, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet fil- konfront ta' Anthony Spiteri Bin Carmel u Emanuela nee Tonna imwieled fil-31/12/1974, ID 42275M u joqghod 265, Apt 2, Triq iz-Zebbu, Mellieha. akkuzat talli fid-29 ta` Marzu, 2022 ghall-habta ta' 19.15 hrs fit-Telgha tax-Xemxija, San Pawl il-Bahar soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni BCJ826;

1. U b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolamenti, involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-

persuna ta` Angela Petroni minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta skond kif iccertifika Dr. Greta Attard MD mill-MDH,

2. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
3. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
4. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;

**Il-Prosekuzzjoni talbet li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.**

**Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stability mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.**

Rat l-artikoli 226(1)(b) tal-Kap 9 u 15(1)(a)(2) tal-Kap-65 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezibiti.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Angela Petroni** xehdet f'zewg okkazzjonijiet Fit-tieni xheda li kienetr l-aktar komplessiva xehedet hekk

Pros: Irrapurtajt xi haga il-pulizija jekk jogghbok?

Xhud: Mela giet il-puizija fejn kien hemm l-incident.

Qorti: Fejn kien l-incident, id-data?

Xhud: Mela id-29 ta` Marzu ta` din is-sena fis-19.10 ta` filghaxija mela rajt it-triq kompletament libera vojta quddiem ix-Xemxija Bar ghaliex fl-gholi kien hemm hemm traffic light ahmar ghal-karozzi u t-triq kienet libera.

Qorti: Igifieri hi qassmet fuq it-traffic lights?

Xhud: No, le ftit il-boghod ghaliex rajt li it-traffic lights kienu homor u rajt vettura wahda wieqfa dik li tajjritni.

Qorti: Wieqfa fejn?

Xhud: Mela kienet wieqfa taht il-bankina taht il-Bar.

Qorti: X`Bar hu?

Xhud: Il-Bar ix-Xemxija Bar u jiena hsibt li l-persuna gol-karozza kienet qed titkellem ma xi hadd li kien fil-Bar ma mejda allura qsamt bilmod ghax jien ukoll ghandi prostises u kif wasalt that il-bankina il-karozza telqet hesrem telqet f`daqqa wahda.

Qorti: Igifieri hi qassmet quddiem karozza li kien hemm id-driver go fiha?

Xhud: Kien kollox mudlam u allura ma kienx jidher li kien hemm sewwieq fiha.

Qorti: Allura ghaliex qalet kienqed ikellem il xi hadd man-nies li qeghdin gol-Bar?

Xhud: Dak li hsibt jiena. Ghaliex hsibt hekk ghaliex quddiem il-Bar kien hemm imwejjed u siggijiet.

Qorti: Ghaliex ma hasbitx sempliciment li kienet ipparkjata allura?

Xhud: Setgha kien ukoll li kienet parked jiena rajt li kienet wieqfa u ma kienx hemm karozzi ohra it-triq kienet libera u allura qsamt u kif kienet qed tghid qabel ma lhaqtx ghedtta ma lahqitx qabzet ghall-fuq il-bankina, jien niftakar li quddiem il-pulizija is0sinjur involut li kien qed isuq quddiem il-pulizija iddikjara ma rajtiex telaq bil-qawwa.

Qorti: Igifieri kien hemm karozza ohra quddiemu?

Xhud: U kelli sieq fuq il-bankina u sieq l-ohra le li umbaghad iffrakassahieli.

Qorti: Kien hemm karozza ohra igufieir quddiema qassmet bejn il-karozzi ipparkjati?

Xhud: Kieku ma kontx naqsam

Qorti: Mintix qed tifhimni hu kien ipparkjat u kien hemm karozza ohra parkeggata quddiemu?

Xhud: Saqsejtha qalet le kieku ma kontx naqsam.

Pros: L-incident meta tghid it-telgha tax-Xemxija gara biex nifthemu hi qassmet mix-xatt ghal-fejn hemm il-gabbana jew iktar il-fuq?

Xhud: Hi qalet quddiem Xemxija Bar hi qalet hemm gara quddiem Xemxija Bar, qed tghid ghaliex propju l-Hotel li kienet qed tirrisjedi fih huwa propju hemm fuq il-Bar il-Hotel, mela jiena qsamt mil-front minn fejn hemm il-bahar ghal fejn hemm il-Bar, u hemmek jaghddu hafna nies ghax hemm Bus Stop u hemm it-telgha tax-Xemxija.

Pros: Tiftakar kienx dawl dak in-nhar?

Xhud: Kienu 19.10 ta` filghaxija f`Marzu kien id-dlam.

Pros: Is-sinjur li kienet isuq kellu dawl li semmiet hi?

Xhud: Le ma kienux mixghulin il-fanali.

Pros: Qed tarfu go din l-awla?

Xhud: Minix certa ghax dak il-hin bl-ugiegh mhux li qadt naghti daqsekk attenzjoni qalet pero umbaghad hareg mil-karozza u rajtu u tahseb li hu dak.

Qorti: U x-xhud indikat l-imputat.

Xhud: U hareg biex tara jiena x`kelli ghax umbaghad waslet il-pulizija wasslet l-ambulanza u l-pulizija kienet qed tagheml id-domandi lis-sinjur u jien harist lejh.

Avu: Il-karozza kienet f`nofs it-triq wieqfa?

Qorti: Kienet ipparkjata taht il-bankina.

Avu: Inti fejn kont meta intlaqt mil-karozza meta laqtitek il-karozza?

Xhud: Ezatti mela jiena kont ezatti taht il-bankina tal-Bar qabditni in-naha talxxellug tal-karozza man-naha tax-xellug tieghi u allura waqajt b`sieqi tigi taht il-karozza.

Avu: Igifieri saqajk it-tnejn kienu fit-triq?

Xhud: Mela l-ghaksa tax-xelug that il-karozza u l-ohra kont gharkubejja fuq il-bankina.

Qorti: Imma wara l-incident fil-mument tal-incident fejn kienu ghax ma kienetx?

Xhud: Qabel jew wara l-incident qed nghidu.

Qorti: Qabel l-incident her knee on the?

Xhud: Qalet jekk jiena kont qed nimxi ma niftakarx ezatt il-pass.

Avu: X`gara wara l-incident?

Xhud: Giet l-ambulanza u wasslet ukoll il-pulizija.

Avu: X`qalulek l-isptar?

Xhud: L-ewwel gurnata fl-isptar m`ghamlux ir-radjografija tajjeb.

Qorti: Hi fieqet minn dan l-incident jew ghadha ma fieqetx?

Xhud: Hadu ir-radjografija ta` nofs is-sieq meta jiena kelli l-ghaksa li kienet injured, qalu li kienet contusione biss u regu batuni fl-Hotel.

Qorti: L-X-Ray meta saru?

Xhud: Saret ir-radjografija X-Ray il-gurnata ta l-incident liema X-Ray qalet biss li kelli contusione u batuni pero l-ugiegh kien tant terribli ergajt cempilt l-ambulanza u meta wasalt Mater Dei u regu ghamluli X-Ray u ghamluha sew sabu illi kelli fratture.

Qorti: U din l-ghada?

Xhud: Iva l-ghada.

Avu: Meta ergajt lura l-Italja id-dar tieghek mort xi vizta ghand xi tabib iehor mort ticcekkja gahnd xi espert legali hawn mediku iehor?

Xhud: Kif irritornajt l-Italja mort direttament u ghamluli intervent ghamluli plate u hadid.

**<u>Dr.Mario Scerri</u>** xehed u ippreseenta Dok MS

Xhud: Le sinjura, ma l-avukat taghha li ipprezenta ruhu bhala avukat li jahdem hdejn l-ispizerija Remedies Ta` Xbiex ma nafx min qalli li hu dina giet nhar is-6 ta` Frar 2023 dina giet Spizerija Remedies Ta` Xbiex fil-5.30 ta` Fl-ghaxija.

Qorti: U ezaminajtha?

Xhud: Ezaminajtha ghedtilha x`kienet l-istorja qaltli illi tatni id-data ha nghidlek meta hi ara dina qaltli dan id-diskors qaltli illi iddahlet l-isptar Mater Dei u l-incident sehh fix-Xemxija nhar id-29 ta` Marzu 2022 fejn garrbet fejn hi allegat illi giet mirfusa minn rota ta` karozza u ttiehdet l-isptar Mater Dei minn hemmekk ma qadtx fuq li qaltli gibt in-notamenti tal-isptar Mater Dei kienet taht l-konsulent Massimo Abela u dina dahlet l-isptar Mater Dei bi tlett fratturi fil- Malleolus, Malleoulus huwa l-ghadma tal-ghaksa tax-xellug li kellha … … dina kienet l-isptar Massimo Abela il-konsulent offrielha Open Decuction Internal Fixation jew External Fixation qaltlu le le le irrifha issir fl-Italja zammah jumejn l-isptar u telqet biex tmur l-Italja ghandi nota mil-Italja fejn giet operata,

Qorti: Min tak in-notament mil-Italja?

Xhud: Baghtitieli hi u ipprezentajtha hawn u iffirmata minn Dr. Fisher li huwa Orthopedic Surgeon inzertajt li naf bih Orthopedic Surgeon tajjeb.

Qorti: X`gara bejn meta kienet Malta il-fatt li din marret l-italja biex taghmel l-affarijiet hemm setghu affettwaw min-natura tal-Injury taghha?

Xhud: Dan Massimo Abela get her strong medical advice li toper ruhha immedjatament il-ghaliex iktar ma thallihom dawn iktar jiddeterjoraw imma hi marret l-Italja wara jumejn daet jumejn hawnekk.

Qorti: U meta giet operata?

Xhud: Issa giet operata nhar il-7 ta` April giet operata l-Italja.

Qorti: U l-incident meta kien?

Xhud: L-incident kien nhar l-29 ta` Marzu damet daqxejn imma giet operata.

Qorti: Igifieri x`gara bejn dak in-nhar u sakemm giet operata ahna ma nafux?

Xhud: Ifhimni giet operata on the 7th April issa f`gimgha tizdied l-infjammzzjoni dawn joperawhom malajr specjalment anzjani biex ma jidetterjorawx minhabba l-infjammzzjoni.

Qorti: Igifieri hemm possibilta li kieku giet operata hawn Malta l-affarijiet kienu jkunu differenti milli kif spiccat?

Xhud: Iktar ikollha cans ta` healing ahjar imma dina forsi ma fdathomx hassitha aktar komda tmur l-Italja u marret hemm.

Qorti: Ma tistax teskludi li setgha kien hemm deterjorament?

Xhud: Immedjatament dawn irid jsiru ahjar, biex ma jsirux immedjatment iridikollha xi medical condition li ma jistax iraqqadha.

Qorti: U dan kollu gahndek imnizzel fir-rapport tieghek?

Xhud: Kollox issa dan kellha 3 fractures u ghamillha pin plate fiz-zewg fractures l-ohra awtomatikament giet f`postha and it was … … u baet tajba tilmenta illi izzappap fit0-tul tuza il-wheelchair u ovvjament tippretendi frattura bhal dik fil-kesha u fl-umdita bhal Malta li jkollha ugiegh tippretendiha u dawn huma rizultat tal-fratturi, jiena ma qadtx fuq dak li qaltli hi biss biex forsi nissodisfa l-avukat.

**Gertrude Scerri** ezebiet il-file mediku ta Angela Petroni.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi kollha prodotti ma jirrizultax fil-grad rikjest mill-

kamp kriminali jekk Angela Petroni sofriet griehi rizultat tal-incident de quo. Senjatament l-ewwel darba li dahlet l-isptar kien fit-30 ta' Marzu, 2022 meta l-incident sehh fid-29 ta' Marzu, 2022.

Illi jirrizulta ukoll li fil-vicinanzi ta fejn sehh l-incident kien hemm traffic lights li Angela Petroni ghazlet li ma tuzax. Dan il-fatt ikkreja emergenza subitanja lill-imputat.

Fic-cirkjostanzi l-imputat mhux hati ta` ebda imputazzjoni fil-konfront tieghu.

**Decide**

Rat l-artikoli 226(1)(b) tal-Kap 9 u 15(1)(a)(2) tal- Kap-65 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta u ghal dawn il-motivi kollha ma issibx lil Anthony Spiteri hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijet u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**